MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 150/2014

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Gayle Galea**
**ID512178-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmin mija u tliet euro u sitta disghin centezmi (€803.96c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C50897411 moghtija mis-socjeta' attrici skond l-annessi dokumenti mmarkati Dok. IZY1 u Dok. IZY2 – prospett

u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok. IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok. IZY4 – kopja ta’ ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166° tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti li gew pprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok. IZY1 sa Dok. IZY4.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-istess konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u tliet euro u sitta u disghin centezmu (€ 803.96c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------